# Il-Ħadd 06.03.2022

1. Illum 06/03, **l-Ewwel Ħadd tar-Randan.**
   - Matul dan iż-żmien hawn fil-knisja kif tistgħu taraw, għandna 3 ikejjen/stazzjonijiet: TALB, SAWM u KARITÀ li permezz ta' karti kkuluruti li hemm fil-qfief maġenbhom tistgħu tieħdu xi spunti li jgħinukom tipprattikaw dak li dan iż-żmien qed jitlob minnha. Xi qfief maġenb ir-rokna tal-KARITÀ nistgħu nimlewhom b'affarijiet li wara jingħataw bħala għajnuna lill-persuni fil-bżonn u istituti, kif ukoll, u din urġenti, b'risq il-poplu tal-Ukrajna, li kif nafu bħalissa għaddej minn tbatija kbira minħabba l-gwerra.
   - *Caritas Malta*, fuq sejħa ta' *Caritas Internationalis*, qed tappella għal donazzjonijiet ta' flus b'risq dan il-poplu li ħafna minnu qed ikollu jħalli pajjiżu. Min jixtieq jgħin jista' jħalli d-donazzjoni mal-Kappillan jew ma' xi ħadd mis-saċerdoti sabiex inkunu nistgħu nnewluhomlhom fl-iqsar żmien. S'issa nġabru € 150. Nitolbukom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.

2. L-Erbgħa 09/03:
   - Mis-7:00pm sas-7:30pm: L-Ewwel laqgħa tal-**Eżerċizzi għal Kulħadd** fil-knisja parrokkjali, li tixxandar ukoll permezz tal-live streaming fuq il-facebookpage tal-parroċċa, fejn min ma jistax isegwi dak il-ħin stess, jista' jagħmel dan anke wara.

3. Il-Ħadd 13/03, **it-Tieni Ħadd tar-Randan**:
   - Il-Ġabra tkun waħda speċjali b'risq is-Seminarju.

4. Avviżi oħra:
   - Kif tistgħu taraw, qed nesbixxu il-kalċi flimkien mal-patena li kienu ta' Dun Karm Lia (Kappillan ta' Ħal Safi mill-1960 sal-1979) u li fil-quddiesa b'suffraġju għalih ilbieraħ f'għeluq it-43 sena mill-mewt tiegħu (03/03/1979), xi familjari minn tiegħu ippreżentawh biex jibqa' b'tifkira tiegħu fil-parroċċa tagħna. Nirringrazzjawhom mill-qalb.
   - *Saturday 19/03 - As our islands eagerly await His Holiness Pope Francis' visit, at 6:00pm at St Paul's Metropolitan Cathedral, Mdina a celebration of the Eucharist, presided by H.G. Mgr Charles J. Scicluna. The community of Catholic brothers and sisters from all over the world who reside in Malta are cordially invited to this celebration. Those who intend to attend shall contact me since we have to inform the organizors for the necessary preparations.*

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 125 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda;
   - € 314 mil-lotterija b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti tar-restawr;
   - € 160 bħala donazzjoni b'risq l-istess għan.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points, illum jgħoddu bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr**. Grazzi.

6. Nitolbu għal Catherine (k/a Katie) Cutajar li għaddiet għal ħajja ta' dejjem.
   Agħtiha, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem ...